MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 463/2002/1

**Frangisku u Marianna Tonna**

**vs**

**Martin Zerafa**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat 15 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:

1. Iddikjarat xolt u terminat il-ftehim ta' lokazzjoni bejn il-partijiet kontendenti riportat fi skrittura datata 17 ta' Mejju 1997, stante morozita' fil-hlas tal-kera ai termini tal-artikolu (h) kif ukoll stante sullokazzjoni lil terzi minghajr il-kunsens tal-atturi ai termini tal-artikolu (f) tal-istess skrittura;

2. Ordnat l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond numru tlieta (3), Triq Oratio Nelson, Qawra, San Pawl il-Bahar u ghal dan il-ghan tiffisa terminu qasir u perentorju;

3. Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Ottubru, 2001 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Ghall-finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju huwa ta' elf erba' mija u sittin lira Maltin, (LM1,460) fis-sena;

B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-atturi ghall-hlas ta' arretrati ta' kera;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-12 ta' Novembru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'ilment li hu eskluzivament wiehed procedurali fis-sens li huwa ma giex debitament notifikat u dippju ma giex osservat id-dispost ta' l-Artikolu 187 (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Is-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 187 jipprovdi kif ghandha tigi notifikata persuna meta ma tkunx giet hekk notifikata fil-kors ordinarju prevvist fis-subinciz (1).  Inter alia jinghad illi l-qorti tista’ tordna li n-notifika ssir billi titwahhal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u mal-bieb tar-residenza tal-persuna notifikanda jekk il-post ta’ residenza taghha jkun maghruf. Il-ligi ssemmi wkoll il-pubblikazzjoni ta’ estratt tal-istess att fil-Gazzetta tal-Gvern u f’gurnal ta’ kuljum.

Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:-

1. Fl-1 ta’ Novembru 2002 l-att twahhal mal-bieb ta’ residenza tal-konvenut u fl-Ghassa u fil-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar/Qawra – Ara riferiti tal-Marixxal ezekutant a fol 7.
2. Fil-5 ta’ Novembru 2002 gie pubblikat sunt tal-att fil-Gazzetta tal-Gvern (kopja esebita a fol 8).
3. Sunt simili gie ppubblikat fil-harga tal-gurnal “The Malta Independent” tat-8 ta’ Novembru 2002.

Isegwi minn dan illi l-parti tal-precitata disposizzjoni fuq riprodotta giet fedelment ottemperata u sa hawn allura l-lanjanza tal-appellant illi l-kopja tal-att ma wasletx f’idejh hlief meta ghaddielu siehbu fil-18 ta’ Novembru 2002 ma jista’ jkollha l-ebda gustifikazzjoni mill-punto di vista tal-konsiderazzjoni tan-notifika tal-att fit-termini cari tal-ligi.

Id-disposizzjoni in diskussjoni pero` ma tieqafx biss sa fejn aktar il-fuq rikapitulat, in kwantu tissokta tipprovdi wkoll illi “f’dawk il-kazijiet in-notifika ghandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xoghol wara l-ahhar data meta tkun giet ippubblikata jew minn meta tkun twahhlet il-kopja, skond liema tigi l-aktar tard.”

Jirrizulta qabel xejn mill-inkartament tal-process illi fl-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2002 gie assunt illi l-konvenut kien gie notifikat.  Allura thalla jigi prezentat kapitolu u l-kawza giet differita ghas-subizzjoni ghall-14 ta’ Novembru 2002.

Trasportat il-precitat vot tal-ligi ghall-kaz ‘de quo’ ghandu jkun evidenti illi l-presunzjoni legali fih stabbilita biex in-notifika titqies li tkun saret ma gietx skrupolozament konsegwita. Kif fuq gja muri l-ahhar pubblikazzjoni saret fit-8 ta’ Novembru 2002, li jfisser illi fit-12 ta’ Novembru 2002 ma setghax ikun assunt illi n-notifika “ghandha titqies li tkun saret” billi bejn iz-zewg dati ma kienux ghadhom ghaddew tliet ijiem <u>tax-xoghol</u> mill-ahhar pubblikazzjoni. Semplici titwila fil-kalendarju ghal dik is-sena manifestament juri illi d-9 u l-10 ta’ Novembru 2002 ma kienux granet tax-xoghol.

Qajla ghandu ghalfejn jinghad illi l-kelma jum kellha u ghandha konnotazzjoni guridika preciza u kellha tigi nterpretata skond kif il-ligi tal-procedura tiddisponi. “Fl-ghadd taz-zmien il-gurnata tinghadd ta’ erbgha u ghoxrin siegha, x-xahar u s-sena jinghaddu skond il-kalendarju” (Art 103 Kap 12) u li l-gurnata ta’ 24 siegha jitqies li jaghlaq il-gurnata ta’ wara, fis-sens ta’ gurnata succesiva ghat-tliet ijiem tat-terminu, fis-siegha stabbilita ghall-gheluq tar-Registru (Art 104).

Fil-kaz in ezami hu provat illi z-zmien interkors bejn il-pubblikazzjoni, u din ma tistghax hlief tigi interpretata bhala l-ahhar pubblikazzjoni, iz-zmien ma kienx jissodisfa l-vot tal-ligi.

Huwa pacifiku illi l-ligi ta’ procedura hi ta’ ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi “osservata alla lettera e non per equipollens” (**Vol XVII pI p879**). It-terminu ghalhekk dettat fl-Artikolu 187 (3), in kwantu terminu gudizzjarju jew legali, ma setghax jigi akkorcjat.

In-nuqqas ta’ osservanza ghal dan it-terminu procedurali fil-Qorti ta’ l-ewwel grad spiss drabi jimporta n-nullita` tas-sentenza u dan ghar-ragunijiet fundamentali ta’ gustizzja, kemm procedurali, kemm sostanzjali.

Id-disposizzjoni ezaminata hi certament, u essenzjalment ukoll, wahda ta’ sikurezza processwali li mill-osservanza taghha jigi accertat illi l-persuna notifikanda tibbenefika kif jixraq minnha fil-harsien tad-dritt fondamentali tal-

Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. In generali sservi wkoll l-andament kif imiss u kif mistenni tas-sistema processwali kollu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata dikjarata nulla u bla effett fil-ligi. Tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti biex hemm tigi trattata u definita skond il-ligi. Xieraq li fic-cirkostanzi pervenuti l-ispejjez ta' dan l-appell jigu sopportati mill-konvenut appellant li bl-agir tieghu, anke jekk forsi involuntarjament, ipprovoka l-proceduri odjerni b'dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------